# Il-persuni b'diżabilità – storja, sterjotipi u stigma

## (it-tieni u l-aħħar parti)

**Dr Vickie Gauci**
Lecturer
'Department of Disability Studies'

Permezz tax-xogħol ta' attivisti b'diżabilità madwar id-dinja, beda jieħu forma wkoll il-kunċett ta' għixien indipendenti (*Independent Living Movement*). Permezz tiegħu, il-persuni b'diżabilità riedu jwasslu l-messaġġ li, tkun indipendenti ma jfissirx li tkun tista' tagħmel kollox waħdek, iżda li tkun tista' tiddeċiedi għalik, ikollok kontroll fuq ħajtek, u permezz tas-sapport fejn hemm bżonn, tkun tista' tipparteċipa fl-attivitajiet kollha tal-ħajja.

Fil-bidu tas-sebgħinijiet, attivisti b'diżabilità fl-Ingilterra ppproponew il-Mudell Soċjali tad-Diżabilità li poġġa l-kawża tad-diżabilità mhux iktar fl-individwu iżda fit-tfixkil (fil-*barriers*) li jinsab fl-ambjenti mhux aċċessibbli u fl-attitudnijiet negattivi tas-soċjetà. Dan il-mudell qaleb ta' taħt fuq il-mod kif konna nħarsu lejn id-diżabilità sa dak iż-żmien u wera li d-diżabilità ma titneħħhiex jew titnaqqasx biss billi nippruvaw nirranġaw u nfejqu lil persuna, iżda wkoll billi naraw kif se nneħħu t-tfixkil maħluq mis-soċjetà stess. Il-Mudell Soċjali tad-Diżabilità kkonfronta u sfida dawk l-attitudnijiet negattivi u l-isterjotipi li kienu joħonqu lill-persuni b'diżabilità u saħaq fuq l-importanza li l-vuċi tal-persuni b'diżabilità tinstema' fuq dak kollu li jikkonċerna lilhom.

**Il-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda**

Fil-fatt, l-iktar leġiżlazzjoni riċenti f'dan il-qasam, il-Konvenzjoni tal-Nazzjonijiet Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, hija l-frott tal-involviment ta' numru kbir ta' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom, li ħadmu flimkien ma' dawk li jagħmlu l-politika (*policy*) biex iwittu t-triq tal-futur tagħhom. Il-Konvenzjoni ma tagħtix lil persuni b'diżabilità drittijiet umani ġodda, iżda taċċerta li fil-pajjiżi li jiffirmawha, dawn il-persuni jkollhom l-istess drittijiet li persuni li m'għandhomx diżabilità jieħdu *for granted.*

Il-Konvenzjoni ġiet wara għexieren ta' snin li fihom in-Nazzjonijiet Magħquda ħadmet biex tibdel il-mod kif is-soċjetà kienet tħares lejn il-persuni b'diżabilità. Hija tipproponi li għandna nħarsu lejn dawn il-persuni mhux aktar u mhux biss bħala oġġetti ta' karità, mil-lenti medika jew mil-lenti ta' protezzjoni soċjali, iżda bħala suġġetti bi drittijiet. Drittijiet li huma kapaċi jiġġieldu għalihom huma, li kapaċi jieħdu deċizjonijiet għal ħajjithom, u li kapaċi jieħdu sehem sħiħ u attiv fil-ħajja tal-komunità jekk jingħataw l-opportunità u s-sapport meħtieġ. Għal dawk fosthom li ma jistgħux jitkellmu għalihom infushom, dawn id-drittijiet jaċċertaw li jkollhom is-sapport u s-servizzi meħtieġa biex ikun jista' jkollhom kwalità ta' ħajja denja ta' persuni umani.

Il-Konvenzjoni hija strument ta' drittijiet umani, b'dimensjoni ta' żvilupp soċjali. Hija tiġbor fiha firxa wiesgħa ta' forom ta' diżabilità u tisħaq li kull persuna b'diżabilità għandha tgawdi mil-libertajiet fundamentali u drittijiet umani bħal kull persuna oħra. Tisħaq ukoll fuq dawk is-setturi li fihom irid isir tibdil u arranġamenti biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw fil-prattika dawn id-drittijiet. Il-Konvenzjoni turi b'mod ċar dawk is-setturi li fihom id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità l-iktar li ġew imkasbra u fejn il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet trid tiġi infurzata.

**Il-qasam tad-Diżabilità lokali**

U issa nagħtu daqqa t'għajn lejn il-qasam tad-diżabilità lokali:

Huwa interessanti li ninnutaw li filwaqt li f'pajjiżi oħra, it-tibdil fil-qasam tad-diżabilità ġie mill-movimenti tal-persuni b'diżabilità, f'Malta u f'Għawdex, it-tibdil ġie bis-saħħa ta' influwenzi oħra. Monsinjur Mikiel Azzopardi, bl-għajnuna tal-Knisja, nistgħu ngħidu li kien il-pijunier ta' dan it-tibdil. Kien l-ewwel wieħed li, litteralment, kien ħareġ lil persuni b'diżabilità mill-kantini fejn kienu jiġu moħbija, biex ipoġġihom fil-qalba tal-komunità u jagħtihom id-dinjità ta' persuni umani. Bil-ftuħ tad-Dar tal-Providenza ried juri li l-post tal-persuni b'diżabilità kien fil-komunità. Imbagħad kien hemm ukoll il-ġenituri ta' tfal b'diżabilità li ġġieldu qatigħ biex it-tfal tagħhom ikollhom edukazzjoni u servizzi xierqa li sa dak iż-żmien kienu mċaħħda minnhom. Hawnhekk ma nistax ma nsellimx il-memorja ta' tant nies li ħadmu bla waqfien biex il-qasam tas-servizzi għal persuni b'diżabilità jibqa' dejjem miexi 'l quddiem.

Kien biss riċentement li persuni b'diżabilità Maltin bdew jidħlu fil-qasam tal-attiviżmu u jiffurmaw organizzazzjonijiet tagħhom u mmexxija minnhom stess. Permezz ta' dawn l-organizzazzjonijiet huma jsemmgħu leħinhom fuq dak li l-iktar jikkonċerna lilhom u għamlu tagħhom il-motto "Xejn Dwarna Mingħajrna" – *Nothing about us, without us*. Dan ifisser li xejn m'għandu jiġi deċiż fil-qasam tad-diżabilità mingħajr ma l-ewwel ikunu kkonsultati huma stess.

Punt interessanti ħafna li ħareġ mir-riċerka li għamlu l-istudenti tal-*Masters* fl-Istudji tad-Diżabilità, fi ħdan il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà fl-Università ta' Malta, kien li l-persuni b'diżabilità Maltin, speċjalment dawk żgħażagħ, issa jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom u li posthom hu fis-soċjetà, iżda sabu li hi din l-istess soċjetà li qed tkaxkar saqajha meta tiġi biex twettaq fil-prattika t-tibdil meħtieġ. Sabu wkoll li għadha teżisti l-idea li jeħtieġ nipproteġu lill- persuni b'diżabilità, l-idea ta' ħasra, ta' karità, u li lkoll għandhom bżonn min jieħu ħsiebhom.

**Inklużjoni fl-attivitajiet 'mainstream'**

Jiġifieri anki jekk Malta kienet waħda mill-ewwel pajjiżi li ffirmat u rrattifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda, għad irridu nikkonvertu għall-ħsieb li l-persuni b'diżabilità jeħtieġ ikunu inklużi fl-attivitajiet *mainstream* ma' kulħadd mhux għax huma 'fil-bżonn' jew 'inqas ixxurtjati' iżda għax dan hu dritt tagħhom bħala ċittadini ta' l-istess soċjetà.

Mela għadna kif morna fuq vjaġġ matul l-istorja, u mixja mis-segregazzjoni u l-esklużjoni, bl-iktar manifestazzjoni krudili fil-prattika tal-*eugenics*; għall-integrazzjoni, għad-drittijiet, u l-inklużjoni. Rajna li l-iktar influwenzi importanti f'din il-mixja kienu r-reliġjon, il-mediċina, u l-movimenti tad-drittijiet ċivili.

Iżda, wasalna fejn ridna naslu? Nistgħu ngħidu li l-persuni b'diżabilità għandhom is-saħħa minn ġewwa, l-*empowerment*, biex ikomplu din il-ġlieda għal dak li hu tagħhom bi dritt? X'għallmitna l-istorja? Għalfejn is-soċjetà tal-lum għandha tagħti kas? X'għandha tagħmel biex tipproteġi dak li sar s'issa u tkompli tibni fuqu?

Fil-bidu ta' dan l-artiklu għedna li hu importanti nħarsu lura lejn l-istorja biex ikollna l-argumenti meħtieġa biex insostnu politika ta' bidla. Huwa appuntu għaliex issa nafu x'ġara fil-passat, li m'għandniex skuża ngħidu li ma konniex nafu x'jista' jiġri. Aħna, persuni li għandhom u dawk li m'għandhomx diżabilità, għandna bżonn nibqgħu nfakkru lilna nfusna u lil kulħadd, kemm kienet diffiċli biex wasalna biex nibdew nitkellmu fuq drittijiet umani. Irridu nifhmu kemm tkun bla sens jekk nerġgħu immorru lura għal soċjetà li fiha dawk li huma iktar b'saħħithom, jilagħbuha ta' Alla ma' dawk li, skont huma, huma "ħajjiet li ma jistħoqqilhomx jgħixu" (*lives unworthy of lives*).

**U allura x'inhi t-triq 'il quddiem?**

Is-soluzzjoni ma tinstabx fli nibnu postijiet speċjali u spazji apposta għal persuni b'diżabilità, iżda li nneħħu t-tfixkil u l-barrikati fiżiċi, attitudinali u istituzzjonali, li għadhom jeżistu fil-komunitajiet tagħna. Irridu wkoll niskopru dawk il-barrikati li għadhom ma jidhrux, li għadna ma ndunajniex bihom. Irridu noħolqu spazji, postijiet, u *policies* li jinkludu lil kulħadd.

Dan ma jfissirx li rridu niksru r-regoli għal ftit, iżda li noħolqu dinja għal ħafna. Irridu niftakru li dak li jsir f'isem id-diżabilità llum, se jkollu effetti fuq is-soċjetà kollha ta' għada.

IL-MISSJONI L-KBIRA tagħti offerta għall-ispejjeż ta' din il-gazzetta biex il-ġid spiritwali li jinkiseb mill-qari tagħha jkun ta' suffraġju għall-erwieħ tas-saċerdoti mejtin tal-**MISSJONI L-KBIRA**. Mulej, agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.